MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1677/1995/1

**Antoinette mart Alexander Cauchi kif debitament awtorizzata b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili Nru. 976/95 (Dok. "A").**

**vs**

**Alexander Cauchi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process datata 27 ta' Ottubru 1995 fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi hija mart il-konvenut u l-kontendenti ghandhom tifla minorenni li jisimha Alexandra;

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f'inkompatibbilta' ta' karattru u kif ukoll

minhabba f’mohqrija, sevizji, theddid u ngurji gravi da parti tal-konvenut, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u b’hekk iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u dan minhabba f’tortijiet attribwibbli unikament lill-konvenut;

Illi l-attrici giet awtorizzata biex tipprocedi ghal din il-kawza permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti Nru. 976/95 (Dok. “A”);

Illi hu fl-interess tal-bint minorenni tal-kontendenti illi l-kura u l-kustodja taghha tigi fdata lill-attrici;

Illi l-istess attrici tablet lill-konvenut jghid l-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba f’tortijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenut u konsegwentement tordna l-firda personali bejn il-kontendenti;

2. Tiddeciedi li tafda l-kura u l-kustodja tal-bint minorenni tal-kontendenti Alexandra Cauchi lill-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attrici dak il-manteniment gust u xieraq ghall-attrici u ghal bintha minorenni;

4. Tillikwida u taqsam bejn il-kontendenti l-komunjoni tal-beni fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna x-xoljiment ta’ l-istess komunjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk konnessi mal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti, kontra l-konvenut li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici a fol. 3 tal-process kif ukoll il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 4 tal-process.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenutypprezentata fit-8 ta’ Novembru 1996 a fol. 20 tal-process li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-premessi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi kienet l-attrici li bl-agir taghha kissret irremedjabbilment iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 21 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Alexander Cauchi a fol. 22 tal-process datata 8 ta’ Novembru 1996 u li fiha ppremetta:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-1984 fil-knisja parrokkjali ta’ Birzebbuga u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, il-minuri Alexandra;

Illi l-attrici rikonvenuta rrendiet ruhha hatja lejn l-attur ta’ eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi, abbandun minghajr gustifikazzjoni u peress illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba nkompatabbilta’ fil-karattru.

Illi l-istess konvenut talab lill-attrici rikonvenuta tghid l-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici rikonvenuta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici rikonvenuta ddekadiet minn sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

3. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi tassenjaha nterament favur l-attur [*recte:* konvenut].

4. Tapplika favur l-attur [recte: konvenut] in kwantu applikabbli ghalih l-effetti ta’ l-**artikolu 48 sa 53 tal-Kodici Civili;**

5. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta [recte: attrici] iddekadiet mid-dritt ta' manteniment;

6. Tiffissa l-manteniment ghall-bint minuri Alexandra.

7. Tordna li huwa jinghata access ghal bintu minuri Alexandra taht il-kundizzjonijiet u l-pattijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa.

8. Tassenjalu d-dar taz-zwieg.

Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-rizerva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 23 tal-process u kif ukoll il-lista tax-xhieda a fol. 24 tal-process;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenuta pprezentata fis-27 ta' Novembru 1996 a fol. 26 tal-process li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici, inkluza l-ewwel wahda nkwantu li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghandha tigi ppronunzjata ghal ragunijiet unikament imputabbli lilha, ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt *stante* illi r-ragunijiet li ghalija ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti huma unikament imputabbli lill-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici rikonvenuta a fol. 26 tal-process kif ukoll il-lista tax-xhieda taghha a fol. 27 tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar 1997 fejn giet nominata Dr. Deborah Huber bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fil-5 ta' Mejju 1997 li permezz tieghu talab li titnaqqaslu r-retta alimentari li jhallas lil martu u lil bintu minorenni *stante* illi mhux f'qaghda finanzjarja li jkompli jmantnihom f'dan l-ammont.

Rat ir-risposta tal-attrici pprezentata fis-26 ta’ Gunju 1997 li permezz tieghu talbet li ghandu jigi kkonfermat d-digriet tas-Sekond’ Awla fil-konfront tal-access (sic!) ghal minuri Alexandra Cauchi fl-intier tieghu.

Rat id-digriet taghha, kif diversament ippreseduta tat-2 ta’ Jannar 1998 li permezz tieghu din il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut b’dan pero li d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili gie varjat fis-sens illi l-alimenti ghall-mara u ghall-minuri ghandhom f’dan l-istadju, ikunu ta’ hdax-il lira (Lm11) fil-gimgha u mhux nofs dak li jippercepixxi r-ragel. Dan l-ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-istess Dipartiment tas-Servizzi Socjali mill-beneficcji tar-ragel u jithallas direttament lill-attrici bhala alimenti ghaliha u ghal minuri. Jibqa’ mpregudikat li l-istess attrici titlob revizjoni hekk u meta r-ragel jibda jahdem.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konvenut fil-5 ta’ Mejju 1997 u li fih talab li jigi varjat id-digriet tas-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti f’dak li jirrigwarda l-access li huwa ghandu a favur bintu.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Marzu 1998 fejn il-Qorti kkonfermat l-access tal-missier kull nhar ta’ Sibt bejn it-3:00 p.m. u t-8:00 p.m. u li l-access kellu jigi ezercitat mid-dar fejn qed tghix il-mara, mill-gnien ta’ quddiem id-dar.

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fil-5 ta’ Lulju 1999 fejn talab li jinghata permess jipprezenta zewg dokumenti.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ Awissu 1999 fejn il-Qorti, fin-nuqqas tar-risposta laqghet it-talba kif dedotta u b’hekk il-konvenut gie awtorizzat jipprezenta tali dokumenti.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Mejju 1998 fejn l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Deborah Huber gie mibdul f’wiehed ta’ espert legali.

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess espert legali li tinsab a fol. 196 *et sequitur* tal-process u li gie minnha debitament konfermat fl-udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2002.

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li *nonostante* d-digriet ta' din il-Qorti datat 10 ta' Dicembru 2002 l-ebda wahda mill-partijiet baqghet ma pprezentat xi nota ta' osservazzjonijiet, lanqas fit-terminu hemm indikat, izda gie pprezentat rikors mill-konvenut fit-23 ta' Settembru 2003 sabiex jigi awtorizzat jipprezenta nota t'osservazzjonijiet gimgha biss qabel l-ghoti tas-sentenza. Il-Qorti invista tal-fatt li l-istess konvenut kellu opportunita li jaghmel tali talba ghallanqas minn Frar 2003, cahdet l-istess talba u ordnat l-isfilz tal-istess nota tal-konvenut, anke peress li rikors ta' dan it-tip gimgha qabel l-ghoti tas-sentenza huwa abbuz tal-process gudizzjarju.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) AZZJONI ATTRICI U L-KONTRO-TALBA TAL-KONVENUT.

Illi l-kawza odjerna hija wahda ta' separazzjoni personali. L-attrici min-naha taghha tghid illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba f'tortijiet attribwibbli esklussivament lill-konvenut. Dawn it-tortijiet l-attrici fil-premessi tac-citazzjoni taghha tghid illi huma mohqrija, sevizzi, theddid u ngurji gravi da parti tal-konvenut. *Oltre* dan izzid tghid illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f'inkompatibbilta' ta' karattru.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jghid illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici. Ir-ragunijiet li jsemmi l-konvenut fil-premessi tal-kontro-talba tieghu ghat-tkissir taz-zwieg huma ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi, abbandun minghajr gustifikazzjoni. Jghid ukoll illi l-

hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba nkompatabbilta’ fil-karattru.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Caterina Agius vs Benedict Agius”**, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju 1967 inghad illi l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta’ separazzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri;

Illi nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **“Elisa Thompson -vs- Edward Thompson”** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Mejju 1925 illi *“perche’ il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale”*.

**(B) <u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 1997 xehdet l-**attrici** u qalet li hija kienet telqet mid-dar konjugali ghaliex keccija l-konvenut xi sena u hames xhur qabel u marret tghix mal-genituri taghha. Il-konvenut kien anke biddel is-serratura tal-bieb.

Illi hija tixhed li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb u kienet gieli tiehdu ghand *Alcaholics Anonymous*. Illi xehdet li huwa kien refa’ jdejh fuqha u kissrilha subghajha u hadet proceduri mal-Pulizija. L-attrici tghid li l-inkwiet kien beda meta t-tifla taghhom kellha xi erba’ snin. L-inkwiet kien dejjem minhabba l-vizzju tax-xorb tal-konvenut. Huwa kien jixrob kuljum, id-dar u anke johrog sabiex jixrob. Meta kien hekk xurban huwa kien jhedded lill-attrici li sejjer joqtolha u lil-familja taghha u jghajjarha. Huwa kien ikun aggressiv hafna mal-attrici u kien anke jbezza’ lit-tifla.

Illi hija tghid li l-konvenut kien jahdem ma’ *Penza Construction* u kellu salarju ta’ sebghin lira Maltija (Lm70) fil-gimgha. Tghid ukoll li fil-bidu ma kellhomx disgwid fuq il-flus izda wara li nfirdu (l-ewwel darba) il-konvenut kien heba l-flus kollha u l-kotba tal-bank fil-garaxx.

Illi l-attrici tixhed li hija tircievi is-somma ta' sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm27) fil-gimgha minghand is-*social services* u *children's allowance* kull tliet xhur. Il-konvenut huwa obbligat skond id-digriet tas-Sekond' Awla li jaghti nofs il-beneficcji li jircievi lit-tifla, peress li ma jahdimx.

Illi dwar l-access tat-tifla, l-attrici tghid li l-konvenut qatt ma kien jigi jaraha, ghalkemm kien hemm id-digriet tas-Sekond' Awla.

Illi dwar beni hija tghid li huma kienu xtraw id-dar konjugali "Santwan", Guiseppe Saliba Street, Luqa, qabel iz-zwieg nofs bin-nofs permezz tal-kuntratt tad-9 t'Awissu 1993 fl-atti tan-Nutar Charles Mangion. Wara z-zwieg kienu bnew it-tieni sular. Il-garaxx kien bil-kera.

Illi fis-seduta tat-3 t'April 1997, l-attrici elenkat l-oggetti li jinsabu fid-dar konjugali.

Illi fis-seduta tat-8 t'Ottubru l-attrici xehdet u esebit certifikati tat-Tobba li ezaminaw il-griehi taghha.

Illi fis-seduta tat-8 t' April 1997 xehdet **Doris Psaila**, oht l-attrici u tghid li hija kienet taf bl-inkwiet tal-partijiet ghaliex l-attrici kienet qaltilha li kien fuq ix-xorb u kliem hazin tal-konvenut.

Illi x-xhud tirrakkonta meta darba hija u r-ragel taghha kienu prezenti waqt li l-konvenut kien beda *"jsabbat, jghajjat u jidghi u qabad il-kitla u beda jsabbatha u waddabha mal-art".* Tghid li l-konvenut kien xurban.

Illi hija tghid li l-konvenut kien dejjem jixrob u dejjem bir-riha ta' xorb.

Illi fis-seduta tat-8 t' April 1997 xehdet **Miriam Naudi**, oht l-attrici u tirrakkonta l-imgieba tal-konvenut, meta hija rat lill-konvenut jiggieled u jitkellem baxx. Hija kienet ixxomm riha ta' xorb fuq il-konvenut. Ix-xhud tghid li hija kienet marret ghall-attrici meta telqet mid-dar konjugali f'Settembru 1995. L-attrici kienet diga' marret l-Isptar

sabiex tinfaxxa subghajha. Tispjega li hija flimkien mar-ragel taghha, l-attrici u zewg Pulizija kienu marru d-dar sabiex jigbru xi affarijiet essenzjali ghat-tifla u ghall-attrici, izda c-cavetta ma kenitx tahdem. Imbaghad il-Pulizija kienu sabu lill-konvenut jixrob f'hanut u wara ftit gie jiftah il-bieb. Tghid li l-attrici hadet biss affarjiet essenzjali. La hadet deheb u lanqas flus.

Illi fis-seduta tal-14 t'April 1997 xehed **Father Rene' Camilleri** li qal li l-attrici kienet avvicinatu fuq xi problemi matrimonjali. Huwa kien ikellem lill-partijiet. Il-problema kienet tidher li kien il-vizzju tax-xorb. L-attrici kienet telqet mid-dar konjugali darba ohra u wara dehra fis-Sekond' Awla, il-partijiet kienu sejrin jippruvaw isolvu l-inkwiet bejniethom. Ghalhekk l-attrici kienet irritornat id-dar. Ix-xhud jghid li wara li irritornat l-attrici l-partijiet kellhom xi kwistjonijiet fuq flus. Ix-xhud jghid li huwa kien rega' ltaqa' mal-attrici meta kienet giet ghandu u qaltlu li l-konvenut kien kecciha mid-dar u sawwatha. Huwa kien hadha l-Polyclinic u l-Ghassa tal-Pulizija. Huwa jghid li jaf li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb u li kien jiffrekwenta l-agenzija *Alcoholic Anonymous*.

Illi fis-seduta tal-14 t'April 1997 xehdet **Mary Agius**, omm l-attrici li tikkonferma li l-attrici, flimkien mat-tifla taghha tinsab tghix maghha u ilha hemm ghal xi sena u nofs. Tispjega li l-attrici kienet marret tghix maghha ghal xi sitt xhur u mbaghad telqet tghix mal-konvenut u wara xi tmien xhur regghet marret lura tghix maghha. Dik il-gurnata qaltilha li kien sawwatha l-konvenut u kellha subghajha infaxxat. Hija tghid li l-konvenut kien jigi ghandha xurban. Hija minn dejjem tiftakru jixrob. Kien ikellem lill-attrici bir-rabja u jghajjarha *"hanzira"*.

Illi fis-seduta tat-28 t'April 1997 xehed l-**Ispettur Mario Bonello** li esebixxa rapport li ghamlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut fil-5 ta' Settembru 1995.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Settembru 1997 xehed **Carmelo Agius**, missier l-attrici u jghid li l-inkwiet l-ewwel kien ta' xorb mill-konvenut. Huwa kien jara lill-konvenut mhux normali u riha ta' xorb diversi okkazjonijiet. Kien ukoll

jidghi u jkellem lill-attrici b'mod dispreggjativ bhal *"hanzira"*. Ix-xhud jghid li l-attrici kienet giet toqghod ghandhom u wara xi erba' xhur marret tghix mal-konvenut u dana wara li kien kellimhom Father Rene' Camilleri. Imbaghad wara xi tmien xhur, f'Settembru 1995, l-attrici regghet giet tghix maghhom u baqghet hemm.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1997 xehdet **Pauline Schembri** li tghid li hija *marriage counsellor* ma' *Kana Movement*. Tixhed li hija taf lill-attrici bhala girien u mhux bhala *counsellor*. Hija taf ukoll lill-konvenut bhala girien. Tghid *"Naf li kien hemm xi problemi bejniethom, kemm ta' flus u kemm ta' xorb ta' l-inbid".* Kienet ix-xhud li ssuggeriet li l-konvenut jattendi l-agenzija A.A. ghaliex l-attrici qalet li l-problema kienet akuta. Ix-xhud tiftakar li darba fil-ghaxija giet it-tifla tal-partijiet u wara giet l-attrici u qaltilha li l-konvenut kien weggaghlha subghajha. In kontro ezami tghid li ma tafx li l-attrici kienet tixrob ukoll.

Illi fis-seduta tat-8 t'Ottubru 1997 xehed **Dr. Marcel Martinelli** li qal li jaf lill-partijiet ghaliex kien it-tabib kurrenti taghhom. Huwa jixhed li l-attrici kienet infurmatu bil-problema tax-xorb tal-konvenut. Il-konvenut qatt ma kellmu fuq din il-problema u huwa qatt ma ra lill-konvenut fis-sakra.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1997 xehed il-**konvenut** u qal li qabel iz-zwieg huwa kien xtara l-fond u hallas sitt elef lira Maltin (Lm6,000) u dana permezz ta' kuntratt tad-9 t'Awissu 1983. Jghid li l-attrici hallset Lm2,000 biss. Il-post qal li waqqghu sal-pedamenti u rega' bnih, bl-ghajnuna tal-familja tieghu, qabel iz-zwieg. Il-konvenut ghamel elenku tal-oggetti li jinsabu fid-dar konjugali. Jghid li wara xi tliet snin beda l-inkwiet fuq il-flus ghaliex l-attrici kienet tghidlu li ma kienx jaghtiha bizzejjed flus sabiex thallas il-kontijiet. Huwa jghid li l-paga li kien idahhal kien jaghtiha kollha lill-attrici u tara hija dwar hlas ta' kontijiet.

Illi huwa jghid li l-attrici ma kellhiex flus il-bank izda jaf li hija ghandha kont il-bank f'isimha fl-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000), liema flus huma tieghu. Jghid ukoll

li meta l-attrici kienet giet fid-dar konjugali kienet hadet xi affarijiet. Il-konvenut jixhed li l-attrici llum tghix ma' ragel gewwa l-Qajjenza u mhux mal-genituri taghha.

Illi fis-seduta tat-22 ta' Dicembru 1997 kompla jixhed il-konvenut u qal li huwa ma jafx x'jismu r-ragel li qed tghix mieghu l-attrici gewwa Triq il-Folklor, il-Qajjenza, Birzebbuga. Huwa kien ra biss lill-attrici sejra 'l hemm darbtejn. Jghid li dan ir-ragel huwa ma rahx izda sema biss. Il-konvenut jammetti li huwa kien jixrob izda jghid li anke l-attrici kienet tixrob u tiehu l-kalmanti. Jghid *"Il-Professur kien qalli illi sejjer immut sena wara, sakemm ma nieqafx nixrob".* Jixhed li l-attrici kienet irritornat fid-dar konjugali ghaliex huwa kien waqaf jixrob u ghandu ma jixrobx sal-lum, izda *"xi kultant niehu flixkun birra jew tnejn".*_Il-konvenut jghid li l-kwistjonijiet taghhom kienu l-aktar fuq il-flus u l-hrug u gieli fuq it-tifla.

Illi huwa jghid li huwa ma kissirx subghajn l-attrici izda hija kienet inbuttatu fuq is-sufan u ghalhekk kisret subghajha. Huwa jghid li qatt ma kien vjolenti mal-attrici jew mat-tifla.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 1998 xehed il-konvenut u jghid li l-ahhar darba li telqet l-attrici kien argumentaw fuq il-flus li kien hemm il-bank f'isem l-attrici. Il-konvenut ried li l-kont ikun f'isem it-tnejn sabiex ikun jista' juzah ukoll. In kontro-ezami l-konvenut jghid li l-attrici kienet istitwiet proceduri fis-Sekond' Awla ghall-separazzjoni mbaghad kienu rrangaw u wara xi zmien l-attrici bdiet proceduri ohra. Hija telqet mid-dar darbtejn; darba ghamlet xi hames xhur ma toqghodx fid-dar konjugali u t-tieni darba telqet u ma gietx lura. Jghid li meta l-partijiet dehru s-Sekond' Awla l-ewwel darba, huwa kien obbliga ruhu li jiehu kura tax-xorb u fil-fatt mar il-*Caritas.*

Illi l-konvenut jammetti li qabel l-ewwel proceduri l-Qorti huwa kien jixrob *"sew. Kont nixrob inbid u birra. Nammetti illi gieli kont nidhol id-dar fis-sakra ghaliex kont nixrob".* Kien imur jixrob wara x-xoghol. Huwa jghid li waqaf jixrob wara li mar il-*Caritas.*

Illi fis-seduta tat-23 ta’ Frar 1998 in kontro ezami l-konvenut jghid li l-attrici kienet tixrob meta kienu johrogu ghal *drink*._Jghid li l-attrici kien tqatta’ hafna hin ghand il-genituri taghha u qatt ma tmur ghand il-familja tieghu anke meta jkun hemm okkazjonijiet. Il-konvenut jghid li ma jafx ezatt l-indirizz fejn toqghod l-attrici u lanqas jaf ma’ min qed tghix. Huwa jikkonferma li d-dar konjugali kollha nbniet minnu qabel iz-zwieg. Jghid li l-attrici qatt ma hadmet wara z-zwieg ghaliex huwa ma ridhiex tahdem. Jikkonferma li fil-bidu l-inkwiet bejn il-partijiet kien fuq il-vizzju tax-xorb tieghu, izda meta kienet irritornat lura fid-dar konjugali l-attrici d-disgwid kien fuq il-flus.

Illi fis-seduta tal-25 ta’ Frar 1998 xehed John Cauchi, missier il-konvenut u jghid li minnu li l-konvenut kien jixrob *“naqra nbid”*. Jghid li gieli l-partijiet kienu jmorru sal-*bar* flimkien. Jghid li *“ommha gieli giet id-dar taghna u kienet tghidli ‘jahasra kieku mhux ghax-xorb m’hawnx bhalu’ u jiena kont naqbel maghha”.* Huwa jixhed li d-dar tal-partijiet kien hattu u bnewh hu, l-konvenut, Anglu u Michael. Jispjega li huma kienu waqqghu xi kmamar u bnew fuq. In kontro-ezami huwa jghid li anke hut il-konvenut kienu jehduha kontrih minhabba x-xorb. Huwa jaf li l-attrici kienet tixrob ukoll. Jghid li l-attrici kienet izzurhom xi darbtejn fil-gimgha wehedha u mhux mal-konvenut. *“Meta damu hdax-il xahar ma jersqu ‘l hawn ghalliex jiena keccejtu ghaliex Alexander kien jigi u jaghmel l-istorbju u dana meta kien jixrob”.*

Illi fis-seduta tal-25 ta’ Frar 1998 xehdet **Tessie Cauchi**, omm il-konvenut li qalet li l-partijiet kienu jiggieldu fuq flus. L-attrici qatt ma kienet issajjar. In kontro-ezami tghid li t-tifel taghha ma kienx jixrob. *“It-tifel kien jixrob dik in-naqra u qatt ma ghamel storbju”.* Nammetti li l-konvenut kien mar l-isptar minhabba x-xorb u li qata’ x-xorb.

Illi fis-seduta tat-2 t’April 1998 xehdet in kontro-ezami l-**attrici,** u tghid li l-konvenut kellu *Bearer Account* bl-ammont ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) li kien jahbi fil-garaxx. Tghid li l-kont li kien fih sitt elef lira Maltin (Lm6,000) imbaghad saru hamest elef lira Maltin (Lm5,000) meta hallset ghall-kamra tas-sodda. Tixhed li

hija gibdet il-flus li kien hemm wara li telqet mid-dar. Hija tghid li sa meta hija telqet mid-dar konjugali, l-konvenut kien ghadu jixrob. Hija tghid li meta telqet mid-dar ma setghatx terga' tidhol ghaliex il-konvenut kien biddel is-serratura. Imbaghad il-Qorti tat ordni li hija setghet tidhol u hekk ghamlet. Hija marret mal-Pulizija u ohtha Miriam. Hija hadet il-hwejjeg taghha u tat-tifla u t-*toys* u l-*electric blanket* tat-tifla. Tghid li d-deheb taghha u tat-tifla ma sabitux.

Illi fis-seduta tas-6 t'April 1998 l-attrici tkompli tixhed in kontro ezami u tghid li l-familja tal-konvenut kienu kellmu lil Father Rene Camilleri l-ewwel. Tghid li kien anke jigi d-dar taghhom u l-konvenut ma kienx jiehu gost u jghidilha *"jekk ingibu d-dar kien sejjer iwaddablu t-television".* Tixhed li wara li kien jitlaq Father Rene' l-konvenut kien iwaddab affarjiet izda mhux it-*television*. Quddiem Father Rene' l-konvenut kien igib ruhu tajjeb, *"ikellimni sura u bil-kwiet minghajr dagha".* Illi rigward il-vjolenza tal-konvenut, l-attrici tixhed li hija darba wahda biss ghamlet rapport lill-Pulizija u dana meta kienet telqet mid-dar t-tieni darba. Hija kienet tibza' mill-konvenut u ghalhekk qatt ma ghamlet rapporti ohra qabel. Tghid, *"anke senter fuq is-sodda sibt."* L-attrici tghid li kien il-konvenut li kissrilha subghajha billi qabdilha jdejha u rwiha lura u tinnega li mbuttat lill-konvenut. Il-konvenut kien ukoll waddbilha *pot* tac-ceramika.

Illi fis-seduta tas-6 t'April 1998 xehed il-**konvenut** u jghid li qabel ma l-attrici telqet l-ewwel darba mid-dar huwa kien izomm flus fil-garaxx u dana sabiex ikunu *safe*. Meta telqet l-ewwel darba l-attrici kienet hadet kollox maghha li kien hemm fil-garaxx. Fuq it-telefon jghid li huwa kien jahbih ghaliex il-kontijiet tat-telefon kienu madwar sittin lira Maltin (Lm60) kull kont. Fuq id-deheb huwa jghid li ma ghandu xejn fil-pussess tieghu ghaliex hadet kollox l-attrici meta giet tiehu xi affarjiet. Jghid: *"jiena qatt ma wzajt vjolenza fuq marti … Billi ghajjatt maghha mhux vjolenza".* Fuq kontijiet bankarji huwa jghid li qatt ma kellu ghaliex kien jaghti flusu kollha lill-attrici.

Illi fis-seduta tal-21 t'April 1998 xehed il-konvenut li esebixxa zewg kontijiet tat-telefon u tad-dawl u ilma li thallsu minn oht il-konvenut, Marianne.

Illi fis-seduta tal-21 t'April 1998 xehdet **Marianne Azzopardi,** oht il-konvenut u tghid li wara z-zwieg tiftakar li l-partijiet kienu jixorbu. Tiftakar ukoll lill-attrici fis-sakra. L-ewwel inkwiet kien fuq xorb u lbies: l-attrici kienet tghidlu sabiex ma jixrobx u l-konvenut kien jghidilha sabiex tilbes onest ghaliex dejjem b'sidirha barra. Tiftakar ukoll argumenti fuq il-fatt li l-attrici kienet dejjem ghand ommha. Il-kwistjoni fuq il-flus giet wara. Tghid li l-flus kollha li kien jaqla' l-konvenut kien jaghtihom lill-attrici. Fir-rigward tad-dar konjugali x-xhud tghid li tiftakar lill-konvenut, John Azzopardi (zewgha), Andrew Cauchi u Michael Cauchi (hut il-konvenut) jahdmu fuqu qabel iz-zwieg. Kienu saru xi xoghlijiet zghar fuq il-post wara z-zwieg. Hija tiftakar li missier il-konvenut kien tah xi flus ghall-post. Rigward il-vizzju tax-xorb tal-konvenut, hija tghid li l-konvenut kien mar il-*Caritas* qabel ma l-attrici kienet telqet mid-dar l-ewwel darba. Meta kienet irritornat l-attrici d-dar il-konvenut kien waqaf jixrob. Il-problemi matrimonjali mbaghad kienu fuq flus u minhabba l-hin twil li kienet tqatta' ghand il-genituri taghha. Tixhed li hija kienet hallset is-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) ghall-kontijiet tal-partijiet.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Lulju 1998 xehed in kontro-ezami **Father Rene' Camilleri** u jghid li jaf lill-partijiet fiz-zwieg meta kien hemm il-problema tax-xorb tal-konvenut. Huwa kien kellimhom it-tnejn. Huwa kien ikellimhom fiz-zmien meta saret ir-rikoncilljazzjoni u kien hemm rieda tajba tal-konvenut li jaqta' x-xorb. Il-konvenut kien qata' x-xorb u dana kien manifest. Jixhed li l-inkwiet wara r-rikonciljazzjoni kien fuq il-flus izda ma kienx sorpriz meta l-attrici regghet telqet mid-dar.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Lulju 1998 xehed Michael Cauchi, hu l-konvenut u jghid li kien jghin lill-konvenut f'xoghlijiet f' post gewwa Hal-Luqa. Jghid li kienu hattew il-post u bnew zewg sulari. Jixhed li l-materjal kien jipprovdih

missier il-konvenut. Jghid ukoll li huwa kien ta xi oggetti ta’ ghamara lill-konvenut.

Illi fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 1999 xehdet **Maryrose Polidano**, oht il-konvenut u tghid li l-problema ta’ xorb qabel iz-zwieg kienet tat-tnejn. Tixhed li l-attrici kienet dejjem ghand il-genituri taghha u l-konvenut kien jixrob. Hija tghid li bhala problema tax-xorb, il-konvenut kien ghadda minnha meta l-attrici kienet giet lura d-dar.

Illi fis-seduta tat-3 ta’ Frar 1999 xehdet **Carmen Baldacchino,** oht il-konvenut u tghid li l-glied taghhom kien l-aktar fuq il-mod ta’ lbies tal-attrici. Aktar tard kellhom problemi fuq flus.

Illi fis-seduta tat-8 ta’ Marzu 2000 xehed il-konvenut li jghid li huwa ghadu ma jahdimx. Xehed ukoll li t-tarbija li kien hemm irregistrata f’ismu (Dok ”LC5”) ma kenitx tieghu u kien istitwixxa kawza u f’din l-attrici rregistrat ammissjoni.

## (C) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

### <u>(i) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR R-RESPONSABBILTA’ TAL-FIRDA.</u>

Illi l-attrici allegat li l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba (a) inkompatibbilta’ ta’ karattru (b) mohqrija, sevizzi, theddid u ngurji gravi da parti tal-konvenut (c) iz-zwieg tkisser irremedjabilment u dan minhabba f’tortijiet attribwibbli unikament lill-konvenut.

Illi l-konvenut allega li l-attrici rrendiet ruhha hatja lejn il-konvenut ta’ (a) eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi, (b) abbandun minghajr gustifikazzjoni u peress illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli (c) minhabba nkompatabbilta’ fil-karattru”.

Illi fil-kawza deciza fil-25 ta’ Mejju 1942 mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **“Maria Micallef vs Giuseppe Micallef”**, il-Qorti qalet illi :-

*“Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b’mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi”.*

- **<u>ECCESSI.</u>**

Illi l-kelma eccessi tinkludi dawk l-atti ta’ vjolenza li jipperikolaw il-hajja jew is-sahha ta’ dik il-persuna kontra minn huma diretti. Il-vjolenza trid tkun wahda ta’ natura gravi.

Illi fil-kawza **“Muscat utrinque”** deciza fl-4 ta’ Jannar 1880 il-Qorti kienet qalet:-

*“Se gli eccessi, specialmente quando consistono in attentati, che compromettono la stessa ezistenza di colui che ne e’ vittima, costituiscono per se stessi, senza necessita’ di alcuna indagine, causa di separazzjoni …”*

Illi skond il-gurisprudenza Maltija eccessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra, liema atti jridu jkunu ta’ serjeta’ kbira li *niente di meno* jridu jkunu ta’ perikolu ghall-hajja tal-parti l-ohra (ara **“Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud”** deciza fit-30 ta’ Gunju 1961) u fid-dawl ta’ dan din il-Qorti thoss li fil-kaz odjern, wara li gew ezaminati l-fatti migjuba quddiemha u kontrarjament ghal dak indikat mill-perit legali, li l-istess konvenut kien hati ta’ eccessi lejn martu u dan minhabba li kien jixrob u wkoll minhabba l-vjolenza domestika li huwa kien jattwa fil-konfront taghha, apparti tghajjir u eccessi ohra.

- **<u>MOHQRIJA.</u>**

Illi mohqrija tinkludi dawk l-atti ta’ maltrattament, li minkejja li ma jipperikolawx il-hajja jew is-sahha ta’ dak li jkun trendi l-hajja konjugali mpossibbli.

Illi l-ligi taht l-**artikolu 40**, taghmel riferenza ghall-mohqrija izda mhux ghall-sevizzi, izda mill-gurisprudenza jidher illi l-kelma mohqrija u sevizzi jfissru l-istess haga.

Illi fil-kawza **"Camilleri utrinque"** deciza fis-16 ta' Marzu 1898, il-Qorti Civili kienet qalet :

*"Per sevizie nei senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l-animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un avversione verso chi commette tali atti".*

Illi fil-kawza **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza fit-30 ta' Gunju 1961, il-Qorti qalet:-

*"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*

Illi mill-fatti migjuba l-Qorti taqbel mal-Perit Legali u thoss li l-konvenut mill-mod li gab ruhu matul il-hajja konjugali huwa hati ta' sevizzi lejn l-attrici. Il-kliem li kien juza mal-attrici fil-konfront taghha u l-attitudni li kellu l-aktar minhabba l-vizzju tax-xorb tal-konvenut garrab mohqrija lill-attrici. Il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-agir tal-konvenut fil-konfront tal-attrici kien wiehed kundannabbli u zgur li jikkwalifika bhala mohqrija. L-agir kien wiehed kontinwu u mhux ta' darba.

- **<u>THEDDID.</u>**

Illi theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bl-ghan illi twegga' lill-parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta.

Illi fil-kawza **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza fit-30 ta' Gunju 1961, il-Qorti qalet:-

*"Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett tal-impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni li jkunu susseguiti mill-azzjoni, fil-kaz ta' nies ta' certu cetu socjali ma jawtorizzawx lill-Qorti taccettahom bhala raguni u motiv ta' firda personali ; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom*

*jidher li hu kapaci jikkunsahom, allura ndubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni".*

- **<u>OFFIZI GRAVI.</u>**

Illi dan jinkludu kliem jew agir li joffendu l-unur u l-pudur ta' dak li jkun minkejja li dawn jirreferu ghall-affarijiet veru jew foloz.

Illi fil-kawza **"Camilleri utrinque"** deciza fis-16 ta' Marzu 1898, il-Qorti Civili kienet qalet:-

*"Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano".*

Illi din il-Qorti thoss illi fil-kaz odjern bejn il-partijiet jirrizulta li l-konvenut kien hati ghall-istess.

- **<u>ABBANDUN TAD-DAR KONJUGALI.</u>**

Illi l-konvenut ippremetta li l-attrici abbandunat id-dar konjugali minghajr raguni valida. Fil-kawza **"Andrea Avellino vs Regina Avellino"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1949, il-Qorti qalet illi:-

*"Biex l-abbandun jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni personali hemm bzonn, apparti z-zmien, li jkun sar bla kawza gusta … L-apprezzament tac-cirkostanza "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (jigifieri bla kawza gusta), b'mod li jkun jista' jaghti lok ghas-separazzjoni personali ghall-htija ta' min jirrikorri ghalih, huwa mholli fil-kriterju tal-magistrat decidenti".*

Illi hawn il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li kif *del resto* gie sottomess aktar 'il fuq, illi *stante* li hija thoss li l-konvenut huwa hati ta' sevizzi fil-konfront tal-attrici, din kellha raguni valida biex telqet mid-dar, u fil-kaz odjern l-abbandun ma jikkostitwix motiv ta' separazzjoni personali.

- **<u>IZ-ZWIEG TKISSER IRRIMEDJABBILMENT.</u>**

Illi ghalkemm il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li l-konvenut huwa hati ta' mohqrija fil-konfront tal-attrici, il-Qorti thoss ukoll li minhabba kif l-affarijiet preciptaw raguni ohra tas-separazzjoni huwa li llum dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u certament hemm inkompatibbilta' bejn il-karattru rispettiv tal-partijiet.

Illi ghalhekk abbazi ta' dak li gie hawn kkonsidrat, il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b'dan li l-konvenut ghandu jinsab li huwa kien principarjament hati tal-firda bejn il-partijiet kawza ta' mohqrija, sevizzi, u ngurji gravi, u minhabba li kawza ta' nkompatibbilta' ta' karattru z-zwieg tkisser irremedjabbilment.  Ma' dan jizdied ukoll dak li ser jinghad aktar 'il quddiem fejn l-ewwel talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghandha tigi milqugha minhabba offizi gravi *da parte* tal-istess konvenuta [recte : attrici], li waqt li kienet separata *de facto* jirrizulta li kellha relazzjoni ma' terza persuna, u ghalhekk in vista ta' dan kollu tawtorizza s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u tawtorizza jghixu separatament, *stante* li dawn huma effett inevitabbli tas-separazzjoni personali skond **artikolu 35 tal-Kodici Civili**.

- **<u>ADULTERJU.</u>**

Illi b'riferenza ghal dak li nghad aktar 'il fuq dwar l-ewwel talba tieghu fil-kontro-talba minnu pprezentata hawnhekk irid jigi notat li l-konvenut fil-premessi mhux qieghed jallega li l-attrici kienet irrendiet ruhha hatja ta' adulterju. Dan l-aggravju tressaq biss fil-mori tal-kawza u tas-smiegh tax-xhieda, meta l-konvenut xehed u ipprezenta certifikat tat-twelid ta' Charleston Cauchi u sussegwentement anke sentenza ta' dawn il-Qrati.

Illi l-akkuza ta' adulterju hija akkuza serja hafna li maghha tista' ggib konsegwenzi serji taht il-ligi Civili Maltija.

Illi fil-kawza **"Rita Schembri vs Dott. Albert Grech et noe"** deciza fis-16 t'April 1953, il-Qorti Civili kienet qalet illi:

*"Stante diffikulta' tal-prova ta' adulterju, dan jista' jigi ppruvat permezz ta' ndizji u prezunzjonijiet purche' ikunu gravi, precizi u konkordati b' mod li ma jhallu ebda dubju f' min ghandu jiggudika".*

Illi dan il-hsieb kien gie konfermat f'sentenzi ohrajn, aktar recenti, ***"Brincat utrinque"*** deciza fil-31 ta' Marzu 1955, ***"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph A. Xuereb nomine"*** deciza fit-22 ta' Frar 1961, u ***"Anthony Bonnici vs Rose Bonnici"*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 t'April 1978.

Illi fil-kawza ***"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph A. Xuereb nomone"*** l-Qorti qalet illi:-

*"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza "de visu", jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt".*

Illi ghalhekk, ghalkemm il-Qorti qalet illi huwa difficli hafna li wiehed igib prova definittiva illi sar l-adulterju, xorta wahda, u dana *stante* s-serjeta' tal-akkuza, minn qieghed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' *"ndizji u prezunzjonijiet"*, izda dawn l-indizji u prezunzjonijiet iridu jkunu *"precizi, gravi u konkordati"* u *"univoci"* biex b'hekk ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti, wara li ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti, thoss li l-indizji u prezunzjonijiet li l-konvenut gab ghal konjizzjoni ta' dina l-Qorti huma precizi bizzejjed u dan anke in vista tal-fatt li l-istess attrici jirrizulta li kellha tarbija minn persuna ohra pero' wara li hija kienet ilha zmien separata *de facto* mill-istess konvenut u dan kif jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Alexander Cauchi vs Antonia sive Antionette Cauchi et"** tal-21 ta' Ottubru 2001 u fejn fl-istess sentenza jinghad li *"l-konvenuta tammetti illi hija bniet relazzjoni ma' certu Mark Schembri wara li fethet il-kawza tas-separazzjoni fl-1995, u li t-tarbija hija frott tar-relazzjoni li ghandha mar-ragel".*

Illi *nonostante* dan pero' jirrizulta li l-konvenut ma ghamel l-ebda talba, lanqas fil-mori sabiex dan l-aggravju jigi inkluz bhala l-bazi ta' decizjoni tal-firda li qed jitlob fil-konfront tal-attrici u ghalhekk din il-Qorti hija tenuta li taghti d-decizjoni taghha fuq dak mitlub mill-partijiet fic-citazzjoni rispettiva taghhom abbazi tal-**artikolu 37 tal-Kap 16,** u huwa biss l-aggravju li *"l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabbilment"* li tista' tigi inkluza mill-Qorti *motu proprio* u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 40 tal-Kap 16.**

Illi dan ma jfissirx li dan kollu li rrizulta fil-kawza ghandu jigi njorat minn din il-Qorti u dan peress li skond it-termini tal-**artikolu 45** jinghad li *"meta jigi ppruvat xi fatt li minhabba fih il-konvenut seta' wkoll kieku ried jitlob il-firda, il-Qorti tista' tiehu qies ta' dak il-fatt ghall-finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 52".*

Illi taht dan il-binarju, apparti l-effetti u l-konsegwenza tal-istess li jigu riflessi fl-applikazzjoni tal-**artikolu 52 u 48 tal-Kap 16** f'din is-sentenza, din il-Qorti thoss li taht dan l-aspett din il-lamentela tal-konvenut tinkwadra ruhha wkoll taht id-dispozizzjoni ta' offiza gravi kommessa mill-attrici fil-konfront tal-konvenut a tenur tal-**artikolu 40,** ghalkemm mill-provi prodotti jidher u jirrizulta, u l-Qorti hija konvinta dwar dan, li dak li primarjament wassal ghall-firda bejn il-partijiet kienet l-attitudini tal-konvenut li kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija u sevizzi, u hawn l-istess Qorti taqbel ma' dak li qalet il-perit legali limitatament ghal dan ir-rigward u cjoe' li mill-provi prodotti jirrizulta li *"ma kienx l-adulterju tal-attrici kien li farrak iz-zwieg. Iz-zwieg kien gja' tkisser irremedjabilment. L-esponenti ma tarax li ghandha titfa' l-htija tas-separazzjoni fuq l-adulterju tal-attrici (ara* ***"Xuereb utrinque"*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 t' April 1991)".*

Illi fl-isfond ta' dan kollu u bl-applikazzjoni tal-**artikoli 48 u 52 tal-Kap 16** din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attrici, galadarba gie ppruvat illi hija kellha relazzjoni extra-maritali, anke wara li effettivament l-konvivenza bejn il-partijiet kienet spiccat ghar-ragunijiet imputabbli principalment lill-konvenut tant li dan sar wara li ghal

diversi snin il-partijiet kienu separati *de facto,* u li minn din ir-relazzjoni extra-maritali hija kellha tarbija, ma ghandhiex tibqa' tibbenefika mill-manteniment li hija kienet qeghda tippercepixxi minghand zewgha l-konvenut u ghalhekk qed jigi applikat fil-konfront taghha dak previst fl-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16.**

## (ii) <u>MINURI.</u>

Illi ghar-rigward tat-tifla Alexandra, li llum ghandha madwar sittax-il sena u tinsab fil-kura u kustodja tal-attrici u ilha hekk ghal diversi snin. Il-kura u l-kustodja taghha ghandha tibqa' f'idejn l-attrici b'access favur il-konvenut kif ordnat l-Onorabbli Qorti tas-Sekond' Awla bid-digriet taghha tal-14 ta' Settembru 1995.

Illi l-minuri Alexandra, skond ma jindika c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol. 13 tal-process twieldet fl-10 ta' Mejju 1986. B'hekk illum ghandha 'l fuq minn sbatax-il sena. Id-digriet li ghalih taghmel referenza l-abbli Perit Legali u cjoe' dak moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili inghata meta l-minuri Alexandra kellha biss disa' (9) snin. Din il-Qorti tahseb illi jkun aktar ahjar li l-access tal-minuri Alexandra jinbidel u dan fis-sens illi l-missier ikollu liberu access ghall-imsemmija minuri u dan l-access ghandu jigi miftiehem bejn l-istess minuri u l-genituri taghha, partijiet f'din il-kawza. Tfajla ta' sbatax-il sena u li minn hawn u seba' (7) xhur ohra taghlaq it-tmintax-il sena u ssir maggorenni ghandha jkollha xi tip ta' vuci fl-access li hija tixtieq tipprattika ma' missierha l-konvenut, ghalkemm din il-Qorti tirrikkomanda li dan l-access ghandu jibqa' preferibbilment applikat.

## (iii) <u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.</u>

Illi ghar-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, din ghandha tigi dikjarata terminata u xolta b'effett mid-data tal-1 ta' Settembru 1995, id-data meta l-attrici fethet il-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Illi ghar-rigward tal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess l-istess Perit Legali sostniet li *"l-lista tal-oggetti saret kemm*

*mill-attrici kif ukoll mill-konvenut. L-attrici xehdet fis-seduta tal-24 ta' Marzu 1997 u fis-seduta tat-3 t'April 1997. Il-konvenut xehed fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1997 u fis-seduta tat-22 ta' Dicembru 1997. L-oggetti u l-ghamara kollha tad-dar, hlief dawk elenkati mill-partijiet bhala oggetti parafernali tal-partijiet, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Jekk il-partijiet ma jaqblux kif jaqsmu l-oggetti, ghandu jinhatar stimatur biex jaghmel stima u pjan ta' qasma ta' dawk l-istess oggetti u ghamara".*

Illi din il-Qorti wara li qrat ix-xhieda moghtija mill-partijiet quddiem il-Perit Legali jirrizultalha illi l-oggetti li gew indikati mill-partijiet u li nxtraw jew huma fil-pussess taghhom waqt iz-zwieg huma s-segwenti:

a) Garaxx li hu mikri;
b) Xi affarijiet li nxtraw wara z-zwieg;
c) Tnax-il (12) inkwatru;
d) Tapiti tal-kuridur u tas-salott;
e) Zewg brazzi tal-kristall u zewg fanali;
f) Tliet *side tables*;
g) Vazun kbir u kolonna;
h) Zewg siggijiet tal-kewba;
i) *Bedroom* tat-tifla;
j) *Washing machine* tal-marka Velomatric;
k) *Television* Sanyo tal-kulur;
l) Zewg *fans*;
m) *Gas Heater*;
n) Zewg mirja tal-hajt;
o) Numru ta' statwi dekorattivi;
p) *Radio Stereo* zghir tat-tifla;
q) *Cupboard* tal-kcina;
r) L-ammont ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) li l-attrici ammettiet li hija kienet hadet meta telqet id-dar konjugali.

Illi l-konvenut ikkontesta whud minn dawn l-affarijiet fis-sens illi huwa allega li xi ftit minn dawn l-affarijiet inxtraw minnu qabel iz-zwieg. In sostenn ta' dan huwa jghid illi ghandu u fil-fatt esebixxa xi ricevuti. Din il-Qorti wara li fliet fid-dettal ix-xhieda moghtija mill-partijiet hija konvinta

illi minkejja li fuq xi ricevuti jista' jkun hemm isem il-konvenut indikat fuqha, dawn ikunu jindikaw l-isem hemm imnizzel ghaliex tkun dik il-persuna li tkun marret xtrat, jew skond il-kaz tkun ghamlet l-ordni tal-oggett in kwistjoni. Ma hemm l-ebda prova dwar l-origini tal-flus li bihom inxtraw l-affarijiet tad-dar. Illi f'dan l-istat ta' l-prezunzjoni tapplika li dawn huma oggetti tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ghandhom jigu divizi bin-nofs bejn il-partijiet bhala sehemhom rispettiv mill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li ghalkemm il-partijiet damu f'din il-kawza ta' separazzjoni ghal tmien snin shah, hadd minnhom ma ppropona pjan ta' qasma tal-istess oggetti fuq elenkati, u dan *nonostante* l-fatt li wahda mir-ragunijiet ghaliex il-Qorti tat lill-kull parti l-fakolta' li taghmel nota tal-osservazjonijiet qabel l-ghoti ta' din id-decizjoni, kien proprju sabiex kull parti tissuggerrixxi pjan ta' qasma.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li d-divizjoni tal-istess assi tal-komunjoni ghandha ssir b'dan il-mod u dan dejjem *arbitrio boni viri.* L-attrici ghandha tigi assenjata s-somma ta' hames t'elef liri Maltin (Lm5,000) li gja' jinsabu fil-pussess taghha, minbarra l-kamra tas-sodda tat-tifla, r-*radio stereo* zghir tat-tifla u t-*television* u l-*washing machine*, filwaqt li l-oggetti l-ohra kollha fuq elenkati ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

**(iv) <u>BENI PARAFERNALI.</u>**

Illi dwar dan l-istess Perit Legali kkonkludiet *"li fir-rigward tal-beni parafernali, l-esponenti tirrelata li l-partijiet ghandhom, fi zmien li ghandha tiffissa dina l-Qorti, jirrestitwixxu lil xulxin dawk il-beni parafernali, proprjeta' tal-parti l-ohra li ghad fil-pussess taghhom".*

Illi l-istess Perit Legali sostniet li *"d-dar konjugali "Santwan" Guiseppe Saliba Street, Luqa, jirrizulta li nxtrat qabel iz-zwieg u ma tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk it-talbiet li jirrigwardaw il-komunjoni ma jwasslux ghad-divizjoni tad-dar konjugali. Biss l-esponenti thoss li tista' tirrelata finalment u tiddisponi mid-dar konjugali li jikkostitwixxi l-ass principali tal-*

*kontendenti. L-esponent thoss li t-talbiet li saru ghar-ritorn tal-oggetti parafernali u t-talba ghall-likwidazzjoni "tal-komunjoni tal-beni" jibbasta sabiex anke f' dan l-istadju tirrelata fuq id-dar konjugali bis-segwenti : Din hija proprjeta' in komuni tal-partijiet u ghandha tinbiegh u r-rikavat jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet. L-esponenti ma jidhirliex li saret prova sodisfacenti li in forza taghha xi hadd ikun jista' jirreklama prevalement favur tieghu. Kwindi, ir-rikavat ghandu jigi diviz f'ishma ndaqs bejn il-partijiet wara li jkunu thallsu l-ispejjez relattivi u konnessi mal-bejgh. Saz-zmien li jsehh il-bejgh, il-partijiet ghandhom it-tnejn ikollhom access ghad-dar konjugali" .*

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi li s-segwenti huma oggetti parafernali ta' parti jew ta' ohra, u dwar il-maggoranza taghhom hemm qbil dwar il-provenjenza taghhom mill-istess partijiet:-

(a) Id-dar matrimonjali u li l-partijiet kienu permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Awissu 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion (esebit a fol. 138 *et sequitur* tal-process) indivizament bejniethom accettaw li jixtru w akkwistaw nofs indiviz kull wiehed, tal-fond *ossia* t-terran, bla numru u bl-isem *"Carmel House"* li qieghed fi triq Gdida bla isem maghrufa bhala New Street in Tarxien Road, Hal-Luqa, llum "Santwan House, Giuseppi Salia Street, Luqa.

(b) Karozza li nxtrat mill-konvenut qabel iz-zwieg.

(c) Mutur li nxtara mill-konvenut qabel iz-zwieg;

(d) Senter li nxtara mill-konvenut qabel iz-zwieg;

(e) Lozor, xugamani, kutri, *bed-spread*, tapiti u *kitchen utensils* ecc, borom u platti li nxtraw mill-attrici.

(f) *Fridge* tal-marka *"Candy"* li nxtrat mill-attrici.

(g) *Main bedroom* li nxtraw mill-attrici.

Illi in vista ta’ dawn ir-rizultanzi din il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh in subasta bir-rikavat tal-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li kull wiehed u wahda mill-kontendenti jiehdu nofs l-istess rikavat, mentri l-attrici qed tigi assenjata l-oggetti ndikati taht il-paragrafu (e) (f) u (g) tal-lista aktar ‘il fuq indikata bhala l-beni formanti parti mill-assi parafernali tal-partijiet u cjoe’ l-lozor, xugamani, kutri, *bed-spread*, tapiti u *kitchen utensils* ecc, borom u platti li effettivament inxtraw mill-attrici, fridge tal-marka Candy li inxtrat wkoll mill-attrici, u *main bedroom;* il-konvenut qed jigi assenjat bhala beni parafernali tieghu l-karozza, il-mutur, u s-senter, u ghal dan l-iskop il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ erbghin (40) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici l-istess beni parafernali, u dan qed isir peress li huwa baqa’ jghix fid-dar konjugali fil-mori kollha ta’ din il-kawza, u ghalhekk l-oggetti parafernali baqghu fl-istess dar w allura fil-pussess tieghu.

**(v) <u>MANTENIMENT.</u>**

Illi fir-rigward tal-manteniment ma ngabet ebda prova dwar bdil fl-introjtu tal-partijiet u ghalhekk l-ahhar Digriet ta’ din il-Qorti ghandu japplika suggett ghall-varjazzjoni li qed issir minhabba d-dekadenza tal-attrici mid-dritt taghha li tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut.

Illi fil-fatt is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili permezz tad-digriet taghha datat 14 ta’ Settembru 1995 ordnat lill-intimat (konvenut odjern) sabiex fil-pendenza tal-proceduri tas-separazzjoni quddiem din il-Qorti u quddiem il-Qorti Civili Prim’ Awla jhallas lir-rikorrenti bhala manteniment ghaliha (ghall-attrici) u ghall-minuri (Alexandra) imsemmija nofs dak li jdahhal mill-beneficcji socjali pagabbli kull gimgha bil-quddiem fir-residenza tar-rikorrenti b’effett mill-lum u b’riserva li dan il-provvediment jigi rivedut f’kaz li l-intimat jibda jahdem.  Issa kif gustament qalet il-Perit Legali dwar il-kwistjoni tal-manteniment ma ngabet l-ebda prova mill-partijiet hlief li l-attrici allegat illi l-konvenut kien jahdem ma’ *“Penza Construction”* u li kien jaqbad sebghin

lira Matlija (Lm70) fil-gimgha. Pero' dan kien meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien (ara fol. 47 tal-process). Meta nbdew il-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, jidher illi l-konvenut ma baqghax jahdem u beda jircievi l-beneficcji socjali. Lanqas ma ingabet prova ta' kemm jippercepixxi l-konvenut bhala beneficcji socjali.

Illi pero' din il-Qorti tirreferi ukoll ghad-digriet li nghata *pendente lite* minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Jannar 1998 fejn kien deciz li l-konvenut fil-mori tal-kawza ghandu jhallas bhala manteniment ghall-attrici u bintha s-somma ta' hdax-il lira Maltija (Lm11) fil-gimgha, liema ammont kellu jitnaqqas direttament mill-istess Dipartiment tas-Servizzi Socjali u jithallas bhala alimenti ghall-attrici u bintha direttament mill-istess dipartiment.

Illi in vista' tal-konkluzjonijiet fuq raggunti u bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** din il-Qorti thoss li kull parti ddekadiet mid-dritt li titlob jew tezigi l-hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra u dan b'applikazzjoni tal-**artikolu 52 tal-Kap 16.** Illi pero' l-konvenut ghandu l-obbligu, kif *di piu'* ghandha l-attrici li maghha tghix l-istess minuri, u allura qed tipprovdi wkoll ghall-manteniment tal-istess minuri, li huwa wkoll jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-istess minuri, u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha bhala manteniment ghall-istess minuri u tordna wkoll li l-istess somma tinqata' direttament mill-ammont dovut lilu bhala servizzi socjali direttament mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u tali somma tintbaghat direttament lill-attrici li ghandha l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, u ghal din il-fini tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika din is-sentenza lill-istess Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **u tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens biss kif hawn deciz b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici *in parte* u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat fit-3 ta' Novembru 1984 tkisser irrimedjabbilment primarjament minhabba l-agir tal-konvenut meta kien jahqar lill-martu l-attrici u ghalhekk irrenda ruhu hati *verso* tal-istess minhabba mohqrija, sevizzi, eccessi w offizi gravi u sekondarjament mill-attrici peress illi hija waqt il-mori ta' dawn il-proceduri kienet hatja ta' offizi gravi fil-konfront tal-istess konvenut, u dan apparti l-fatt li llum iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment anke minhabba nkompatibbilta' ta' karattru tal-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Alexandra tkun fdata f'idejn l-attrici b'dan li l-Qorti tirrakkomanda li l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri biss pero' bil-kunsens tal-istess minuri, li llum ghandha l-eta' sabiex tkun tista' tiddeciedi dwar l-istess, b'mod li l-istess minuri m'ghandhiex titpogga taht l-ebda pressjoni mill-ebda wahda mill-genituri taghha.

3. Tilqa' *in parte* t-tielet talba attrici fis-sens illi l-konvenut qieghed jigi kkundannat u ordnat jaghti lill-minuri Alexandra, u dan sakemm hija taghlaq it-tmintax-il sena, s-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha mill-ammont li huwa jippercepixxi mill-beneficcji socjali u tordna wkoll li l-istess somma tinqata' direttament mill-ammont dovut lilu bhala servizzi socjali *at source* mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u tali somma tintbaghat direttament lill-attrici li ghandha l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, u ghal din il-fini tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika din is-sentenza lill-istess Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Ghall-kumplament tat-talba u cjoe' fejn din tikkoncerna l-manteniment pagabbli lill-attrici din qeghda tigi michuda *stante* r-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

4. Tilqa' r-raba' talba limitatament ghal dak li jirrigwarda l-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk il-Qorti qeghda tordna illi b'effett mid-data tal-1 ta' Settembru 1995 il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'din il-kawza

ghandha tigi kkonsidrata bhala xolta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi *inoltre*, il-Qorti qeghda tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tigi likwidata u li din tikkonsisti fis-segwenti:- Garaxx li hu mikri; xi affarijiet li nxtraw wara z-zwieg; (12) tnax-il inkwatru; tapiti tal-kuridur u tas-salott; zewg brazzi tal-kristall u zewg fanali; tliet *side tables*; vazun kbir u kolonna; zewg siggijiet tal-kewba; *bedroom* tat-tifla; *washing machine* tal-marka *"Velomatric"*; *television "Sanyo"* tal-kulur; zewg *fans*; *gas heater*; zewg mirja tal-hajt; numru ta' statwi dekorattivi; *radio stereo* zghir tat-tifla; *cupboard* tal-kcina u l-ammont ta' hamest'elef lira Maltija (Lm5,000) li l-attrici ammettiet li hija kienet hadet maghha meta telqet mid-dar konjugali.

Illi kif fuq gja' ndikat din il-Qorti thoss li d-divizjoni tal-istess assi tal-komunjoni ghandha ssir b'dan il-mod u dan dejjem *arbitrio boni viri.* L-attrici ghandha tigi assenjata s-somma ta' hamest'elef lira Maltija (Lm5,000) li gja' jinsabu fil-pussess taghha, minbarra l-kamra tas-sodda tat-tifla u r-*radio stereo* tat-tifla u t-*television* u l-*washing machine*, filwaqt li l-ogggetti kollha fuq elenkati ghandhom jigu assenjati lill-konvenut. Illi ghal dan l-iskop din il-Qorti tipprefiggi terminu ta' tletin (30) gurnata lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni.

Illi fir-rigward tal-beni parafernali din il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh in subasta bir-rikavat tal-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li kull wiehed u wahda mill-kontendenti jiehdu nofs l-istess rikavat, mentri *inoltre* l-istess attrici qed tigi assenjata l-oggetti ndikati taht il-paragrafu (e) (f) u (g) tal-lista aktar 'il fuq indikata bhala l-beni formanti parti mill-assi parafernali tal-partijiet u cjoe' l-lozor, xugamani, kutri, *bed-spread*, tapiti u *kitchen utensils* ecc, borom u platti li effettivament inxtraw mill-attrici, *fridge* tal-marka *"Candy"* li nxtrat ukoll mill-attrici, u *main bedroom.* Min-naha l-ohra lill-konvenut qed jigu assenjati wkoll lilu bhala beni parafernali tieghu, il-karozza, il-mutur, u s-senter, u ghal dan l-iskop il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta'

erbghin (40) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici l-istess beni parafernali, u dan qed isir peress li huwa baqa’ jghix fid-dar konjugali fil-mori kollha ta’ din il-kawza, u ghalhekk l-oggetti parafernali baqghu fl-istess dar u allura fil-pussess tieghu.

Illi ghar-rigward tal-kontro-talba pprezentata mill-konvenut din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjoniiet tal-attrici in kwantu biss l-istess huma b’xi mod kontrastanti jew inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad it-tieni (2) u t-tmien (8) talba tal-istess konvenut fil-kontro-talba tieghu, tilqa’ t-talbiet tal-istess konvenut fir-rikonvenzjoni tieghu biss fis-sens hawn premess** b’dan illi:-

1. Tilqa’ *in parte* l-ewwel talba tal-konvenut b’dan illi tiddikjara li z-zwieg iccelebrat fit-3 ta’ Novembru 1984 tkisser irremedjabilment primarjament minhabba l-agir tal-konvenut meta kien jahqar lil martu l-attrici, u ghalhekk irrenda ruhu hati *verso* tal-istess minhabba mohqrija, sevizzi, eccessi u offizi gravi u sekondarjament mill-attrici peress illi hija waqt il-mori ta’ dawn il-proceduri kienet hatja ta’ offizi gravi fil-konfront tal-istess konvenut, u dan apparti l-fatt li llum iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment anke minhabba nkompatibbilta’ ta’ karattru tal-partijiet.

2. Tichad it-tieni talba tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet esposti aktar ’il fuq f’din is-sentenza u ghalhekk l-istess talba tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Tilqa’ *in parte* t-tielet talba tal-konvenut b’dan illi l-Qorti qeghda tordna illi b’effett mid-data tal-1 ta’ Settembru 1995 il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f’din il-kawza ghandha tigi kkunsidrata bhala terminata u xolta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi *inoltre*, il-Qorti qeghda tiddikjara, kif gja’ ghamlet fic-citazzjoni attrici, li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tigi likwidata u li din tikkonsisti fis-segwenti:- garaxx li hu mikri; xi affarijiet li nxtraw wara z-zwieg; (12) tnax-il inkwatru; tapiti tal-kuridur u tas-salott; zewg brazzi tal-

kristall u zewg fanali; tliet *side tables*; vazun kbir u kolonna; zewg siggijiet tal-kewba; *bedroom* tat-tifla; *washing machine* tal-marka *"Velomatric"*; *television "Sanyo"* tal-kulur; zewg *fans*; *gas heater*; zewg mirja tal-hajt; numru ta' statwi dekorattivi; *radio stereo* zghir tat-tifla; *cupboard* tal-kcina u l-ammont ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) li l-attrici ammettiet li hija kienet hadet maghha meta telqet mid-dar konjugali.

Illi kif fuq gja' ndikat din il-Qorti thoss li d-divizjoni tal-istess assi tal-komunjoni ghandha ssir b'dan il-mod u dan dejjem *arbitrio boni viri.* L-attrici ghandha tigi assenjata s-somma ta' hamest elef liri Maltin (Lm5,000) li gja' jinsabu fil-pussess taghha, minbarra l-kamra tas-sodda tat-tifla, ir-*radio stereo* tat-tifla, it-*television* u l-*washing machine*, filwaqt li l-ogggetti kollha fuq elenkati ghandhom jigu assenjati lill-konvenut. Illi ghal dan l-iskop din il-Qorti tipprefiggi terminu ta' tletin (30) gurnata lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni.

Illi fir-rigward tal-beni parafernali din il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh in subasta bir-rikavat tal-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li kull wiehed u wahda mill-kontendenti jiehdu nofs l-istess rikavat, mentri *inoltre* l-istess attrici qed tigi assenjata l-oggetti ndikati taht il-paragrafu (e) (f) u (g) tal-lista aktar 'il fuq indikata bhala l-beni formanti parti mill-assi parafernali tal-partijiet u cjoe' l-lozor, xugamani, kutri, *bed-spread*, tapiti u *kitchen utensils* ecc, borom u platti li effettivament inxtraw mill-attrici, *fridge* tal-marka *"Candy"* li nxtrat wkoll mill-attrici, u *main bedroom;* min-naha l-ohra l-konvenut qed jigu assenjati wkoll lilu bhala beni parafernali tieghu l-karozza, il-mutur, u s-senter, u ghal dan l-iskop il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jikkonsenja lill-attrici l-istess beni parafernali, u dan qed issir peress li huwa baqa' jghix fid-dar konjugali fil-mori kollha ta' din il-kawza, u ghalhekk l-oggetti parafernali baqghu fl-istess dar u allura fil-pussess tieghu.

4. Tilqa’ *in parte* r-raba talba u tiddikjara li kemm l-attrici u kemm il-konvenut iddekadew mid-drittijiet taghhom ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandhom jitilfu a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** u b’hekk u *inoltre* tapplika fil-konfront tal-partijiet rispettivi d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (a) u (d) tal-Kap 16.**

5. Tiddikjara li l-attrici ddekadiet mid-dritt ta’ manteniment u dan ghar-ragunijiet moghtija aktar ’il fuq f’din is-sentenza u u tiddikjara wkoll li l-konvenut iddekada mill-istess dritt fil-konfront tal-attrici bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d) u artikolu 52 tal-Kap 16.**

6. Tikkundanna lill-konvenut jissoministra lil bintu minuri Alexandra, u dan sakemm hija taghlaq it-tmintax-il sena, is-somma ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha mill-ammont li huwa jippercepixxi mill-beneficcji socjali u tordna wkoll li l-istess somma tinqata’ direttament mill-ammont dovut lilu bhala servizzi socjali *at source* mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u tali somma tintbaghat direttament lill-attrici li ghandha l-kura u l-kustodja tal-istess minuri, u ghal din il-fini tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika din is-sentenza lill-istess Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

7. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Alexandra tkun fdata f’idejn l-attrici b’dan li l-Qorti tirrakkomanda li l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri biss pero’ bil-kunsens tal-istess minuri, li llum ghandha l-eta’ sabiex tkun tista’ tiddeciedi dwar l-istess, b’mod li l-istess minuri m’ghandhiex titpogga taht l-ebda pressjoni mill-ebda wahda mill-genituri taghha.

8. Tichad it-tmien talba tal-konvenut *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi ghar-rigward ic-citazzjoni attrici l-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u ghar-rimanenti terz mill-attrici. Illi ghal dik li hija l-kontro-talba tal-konvenut l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------